DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2006

dwar l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u għas-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2004

(2006/833/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u għas-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2004 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u għas-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 — C6-0093/2006),

— wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jwaqqaf Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u għas-Saħħa fuq ix-Xogħol ([4]), u b'mod partikulari l-Artikolu 14 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0099/2006),

1. Jinnota l-figuri li ġejjin għall-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u għas-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-snin finanzjarji 2004 u 2003:

Kont tad-dħul u ta' l-infiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2003

(f'EUR 1 000)

	2004	2003
Dħul		
Sussidji tal-Komunità	9 542	11 641
Sussidji oħrajn	66	66
Dħul ieħor	111	157
Dħul mill-Phare	121	824
Dħul totali (a)	**9 840**	**12 688**

([1]) ĠU C 269, 28.10.2005, p. 1.
([2]) ĠU C 332, 28.12.2005, p. 23.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1112/2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p. 5).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 3).

(f'EUR 1 000)

	2004	2003
Infiq		
Persunal – Titolu 1 tal-baġit		
Ħlasijiet	3 379	3 245
Approprjazzjonijiet mis-snin ta' qabel	60	87
L-amministrazzjoni – Titolu II tal-baġit		
Ħlasijiet	966	1 146
Approprjazzjonijiet mis-snin ta' qabel	248	186
Attivitajiet ta' l-operat – Titolu III tal-baġit		
Ħlasijiet (1)	2 426	2 559
Approprjazzjonijiet mis-snin ta' qabel	2 549	5 859
Nefqa tal-Phare		
Ħlasijiet	0	548
Approprjazzjonijiet mis-snin ta' qabel	0	502
Nefqa totali (b)	**9 628**	**14 131**
Riżultat għas-sena finanzjarja (c = a – b) (2)	**212**	**- 1 443**
Bilanċ mis-sena finanzjarja precedenti	- 1 987	- 1 108
Approprjazzjonijiet mis-sena finanzjarja preċedenti li ġew ikkanċellati	887	766
Somom mis-sena finanzjarja preċedenti u li ma ntużawx	0	1
RO (Phare II)	144	0
Ħlasijiet skond impenji kkanċellati fl-2002	0	- 191
Differenzi tar-rati ta' kambju	0	4
Ammont tal-Phare li jrid jintradd lill-Kummissjoni	- 39	0
Entrati biex jemendaw	3	- 16
Riżultat għas-sena finanzjarja qabel l-emendi ekonomiċi (d)	**- 779**	**- 1 987**
Dħul tal-baġit li jrid ikun irkuprat	0	850
Dħul ieħor li jrid ikun irkuprat	0	3
Xiri ta' assi fissi	58	207
Deprezzament	- 175	- 186
Stokk	- 6	0
Rimi ta' Stokk ta' assi fissi	- 91	0
Deprezzament	88	0
Nefqa varja	- 34	- 1
Emendi ekonomiċi (e)	**- 161**	**873**
Bilanċ għas-sena finanzjarja (d+e)	**- 940**	**- 1 113**

(1) Din is-somma tinkludi ħlasijiet mill-approprjazzjonijiet li jridu jerġgħu jintużaw fl-2004 (18 573 euro).
(2) Kalkolu skond il-prinċipji ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 8).
NB: Differenzi fit-totali huma minħabba l-effetti tat-tqarrib għall-eqreb figura.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u għas-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2004;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u għas-Saħħa fuq ix-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u sabiex tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Josep BORRELL FONTELLES

Is-Segretarju Ġenerali
Julian PRIESTLEY